MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Rikors Ta Revoka Numru. 70/2015

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 62/2015/LSO fl-ismijiet:-**

**Patricia Cutajar (ID 374171M)**

**vs**

**Raymond Cutajar (I.D. 245670M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I.     PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta’ Raymond Cutajar (ID 245670 M)ipprezentat fis-26 ta’ Marzu 2015 fejn espona : -.

Illi huwa ghadu kemm gie a konjizzjoni tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi intavolat kontra tieghu minn martu Patricia Cutajar fit-12 ta' Marzu 2015;

Illi bl-imsemmi mandat ta' sekwestru l-istess Patricia Cutajar indikat sorte ta' €21,328.57 naxxenti mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Dicembru 2012 li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

Illi pero' s-sekwestranta naqset li ticcita korrettement l-istess sentenza, liema sentenza pprovdiet hekk: *'il-konvenut qieghed jigi ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta’ €21,328.57 bhala s-sehem taghha mill-kontijiet bankarji fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza. F'kaz li dan ma jsirx, il-Qorti tordna li dan l-ammont ghandu jithallas min-nofs ir-rikavat tal-fond gewwa r-Rabat imsemmi aktar 'il fuq appartenenti lill-konvenut'* (ara pagna 12 tas-sentenza annessa mar-rikors ta' Patricia Cutajar ghall-hrug tal-mandat ta’ sekwestru odjern);

Illi dan ifisser li fl-imsemmija sentenza l-esponent la gie kkundannat ihallas imghaxijiet u wisq anqas setghet is-sekwestranta titlob il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra tieghu meta l-istess sentenza pprovdiet illi r-rimedju ghandu jinghata biss meta jigi mibjugh il-fond 'Waterfalls', Ghajn

Kajjet, Rabat, Malta u cioe' billi l-ammont ta' €21,328.57 jinqata' mill-prezz tal-bejgh dovut lill-esponent;

Illi sallum l-imsemmi fond ghadu ma nbieghx;

Illi l-esponent jissottometti umilment illi *ai termini* tal-istess sentenza tal-4 ta' Dicembru 2012 l-ammont mitlub bil-mandat odjern ghandu jinqata’ mir-rikavat mill-bejgh tal-fond fuq imsemmi u mhux l-esponent jigi rinfaccjat b'mandat ta' sekwestru fil-konfront tieghu;

Illi *inoltre* u minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent jirrileva illi l-mandat inhareg ukoll ghal imghaxijiet ikkalkolati mill-4 ta' Gunju 2012, data li hija antecedenti ghad-data tas-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2012. Issa l-esponent isostni li ebda imghax ma huwa dovut *stante* illi s-sentenza li ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-partijiet ma pprovdiet xejn dwar imghax, anzi huwa car illi huwa biss l-ammont ta' €21,328.57 li ghandu jinqata' mis-sehem tal-esponent mir-rikavat tal-bejgh tal-fond fuq imsemmi. Pero' anke jekk ghall-grazzja tal-argument is-sekwestranta kellha xi dritt ghal xi imghax, certament li f'dak il-kaz (i) tali imghaxijiet ma jistghux jigu kkalkulati mill-4 ta' Gunju 2012, u (ii) ma jista' jkun hemm ebda talba ghall-imghax f’dan l-istadju jekk prezentement lanqas hemm lok li jintalab il-hlas tal-kapital billi l-fond ghadu ma giex mibjugh;

Illi kwantu ghall-ispejjez mitluba ma jirrizultax illi t-taxxi annessi mar-rikors ta' Patricia Cutajar immarkati Dok B u C gew rezi esekuttivi *ai termini* tal-**Artikolu 256(2) tal-Kap.12** u ghaldaqstant ma seta' jinhareg ebda att ezekuttiv dwarhom; u *inoltre* galadarba l-imsemmi ammont ta' €21,328.57, kif diga' inghad, mhux dovut f’dan l-istadju izda ghandu jigi mnaqqas mill-prezz dovut lill-esponent fl-eventwali bejgh tal-fond

surreferit, l-esponent ma ghandu jbati ebda spejjez in konnessjoni ma' att gudizzjarju mahrug intempestivament;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-esponent qieghed jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap.12, bl-ispejjez kontra s-sekwestranta.

Rat id-digriet tas-26 ta’ Marzu 2015 (fol 3) fejn il-Qorti ordnat lill-kontro-parti biex permezz ta’ nota fi zmien ghaxart ijiem (10) min-notifika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m’ ghandhomx jintlaqghu; u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-Hamis 9 ta’ April 2015 f’ Nofsinhar.

Rat ir-risposta ta' Patricia Cutajar [detentrici tal-Karta tal-Identita` Numru 374171 (M)] datata 21 ta’ April 2015 fejn esponiet :

Illi l-esponenti giet notifikata bir-Rikors ipprezentat mir-rikorrenti odjern nhar l-20 ta' April 2015 u qieghda tipprezenta r-risposta taghha ghall-istess skont il-ligi;

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti ggib is-segwenti fatti illi wasslu ghall-Mandat ipprezentat mill-esponenti bin-numru 62/2015 u illi r-rikorrenti odjern qieghed jitlob ir-revoka tieghu:-

• Permezz tas-Sentenza illi nghatat nhar l-4 ta' Dicembru 2012 fl-atti tal-proceduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fl-ismijiet **Patricia**

**Cutajar** vs **Raymond Cutajar**[1], **(**[1]*Illi kopja legali taghha giet esebita annessa flimkien mal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat mill-esponenti bhala Dok. D.***)** dina l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro, ikkundannat lir-rikorrenti odjern sabiex ihallas lill-esponenti s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, tliet mija u tmienja u ghoxrin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€21,328.57) rapprezentanti s-sehem ta' nofs indiviz tal-esponenti minn kontijiet bankarji illi gew assenjati lill-istess rikorrenti. **L-imsemmija sentenza ordnat lir-rikorrenti sabiex ihallas l-imsemmija somma fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-Sentenza (cioe` sa mhux aktar tard mill-4 ta' Gunju 2013)** u pprovdiet ulterjorment illi, jekk ir-rikorrenti odjern jonqos milli jaffettwa tali hlas, l-esponenti jkollha d-dritt illi tirkupra l-imsemmi ammont minn sehem ir-rikorrenti odjern ta' nofs ir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta` Waterfalls, Ghajn Kajjiet, Rabat, Malta[2];([2]*vide pagna 12 tas-Sentenza* ***[Dok. D*****).**

• Permezz tal-imsemmija Sentenza **[Dok. D] ir-rikorrenti odjern gie ordnat ihallas ukoll l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghal dawk il-proceduri.** Tali spejjez, inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn applikabbli, jammontaw ghal sitt elef sitt mija u hdax-il ewro u hmistax-il centezmu (€6,611.15) u dana skont ma jirrizulta mit-Taxxa Ufficjali relattiva illi kopja taghha giet esebita flimkien mal-Mandat ipprezentat mill-esponenti bhala Dok. A;

• Minkejja tali ordni gudizzjarja, ir-rikorrenti ghadu sallum **la hallas l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf tliet mija u tmienja u ghoxrin ewro u sebgha u hamsin centezmu** (€21,328.57) illi gie **likwidat u kanonizzat** permezz tas-sentenza **[Dok. D]** u **lanqas hallas l-ispejjez gudizzjarji** ammontanti ghal sitt elef sitt mija u hdax-il ewro u hmistax-il centezmu (€6,611.15) **[Dok. A];**

• Ghalhekk l-esponenti kienet kostretta illi tipprezenta ittra ufficjali *ai termini* **tal-Artikolu** 256(2) **tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex trendi t-taxxa ufficjali **[Dok. A]** titolu ezekuttiv u sussegwentement ipprocediet bil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv illi r-rikorrenti odjern qieghed jitlob ir-revoka tieghu.

L-esponenti sejra titratta wiehed wiehed l-argumenti mressqa mir-rikorrenti odjern:-

**a. L-argument illi l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv tal-esponenti gie pprezentat intempestivament**

Ir-rikorrenti qieghed jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru *ai termini* tal-**Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghaliex jallega illi l-istess Mandat huwa intempestiv *stante* illi l-fond fir-Rabat, ghadu ma nbieghx. Ir-rikorrenti ghalhekk qieghed jargumenta illi l-ammont ta' €21,328.57 jsir dovut minnu biss jekk u meta jinbiegh il-fond fir-Rabat. Izda dan **huwa assolutament skorrett** ghaliex minn qari tas-sentenza jirrizulta kjarament illi l-imsemmi ammont gie kanonizzat immedjatament permezz tas-Sentenza u **r-rikorrenti gie koncess biss terminu ta' sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza sabiex ihallas. Ghalhekk, ir-rikorrenti kien obbligat illi jhallas dan l-ammont sa mhux aktar tard mill-4 ta' Gunju 2013.** Hekk tipprovdi s-Sentenza f'pagna 12:-

*"Il-konvenut qieghed jigi ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' €21,328.57 bhala s-sehem taghha mill-kontijiet bankarji fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza".* [Enfasi Mizjud mill-esponenti].

Il-provvediment ulterjuri illi ddikjara d-dritt tal-esponenti illi tirkupra l-imsemmi ammont minn sehem ir-rikorrenti hekk kif isehh il-bejgh tal-fond fir-Rabat, **huwa biss provvediment illi nghata *in subsidium,* u bhala protezzjoni addizzjonali lill-esponenti f'kaz illi r-rikorrenti odjern [bhal ma fil-fatt ghamel] jonqos milli jhallas l-ammont lill-esponenti entro t-terminu moghti fis-sentenza.**

B'hekk, kjarament ma jistax jintlaqa' l-argument tar-rikorrenti illi l-ammont kanonizzat favur l-esponenti permezz tas-Sentenza **[Dok. D]** ghadu mhux l-protezzjoni addizzjonali moghtija mis-sentenza tigi effettivament ridotta ghal restrizjonijiet illegal tad-drittijiet tal-esponenti, illi bhala kreditur ghandha kull dritt illi tesegwixxi l-kreditu kanonizzat favur taghha fuq l-assi kollha tar-rikorrenti odjern.

Effettivament, tul dawn is-snin, ir-rikorrenti ddedika l-energija tieghu kollha sabiex ixekkel il-bejgh tal-fond fir-Rabat, tant illi l-esponenti kellha tirrikorri ghal rikors wara l-iehor sabiex, permezz tad-Digriet moghti fl-24 ta' Jannar 2014 ir-rikorrenti gie ordnat jivvaka l-imsemmi fond, u sussegwentement fit-3 ta' Gunju 2014, gie ordnat ukoll l-izgumbrament tal-istess rikorrenti bl-assistenza tal-Marixxalli. Kopji informi tal-imsemmija Digrieti qeghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. RMS1 u Dok. RMS2 rispettivament[3]. (l-*esponenti tissottometti illi hija giet notifikata bir-Rikors odjern biss nhar l-20 ta' Marzu 2015 [**cioe' jum wiehed biss qabel is-smigh tar-Rikors odjern]** u ghalhekk ma kellhiex zmien bizzejjed sabiex tottjeni kopji legali tal-imsemmija Digrieti.)* Sahansitra r-rikorrenti intenta proceduri fl-ismijiet Raymond Cutajar vs Patricia Cutajar [Rikors Guramentat Numru 765/2014/AE] sabiex jattakka l-istess Digrieti, liema proceduri ghadhom pendenti, b'hekk allura illi l-bejgh ma jistax isir.

B'hekk jekk jintlaqa' r-rikors odjern, l-esponenti tissottometti bl-akbar rispett illi allura r-rikorrenti jkun qieghed jigi ppremjat tal-ostakoli kollha illi ghamel sabiex jostakola l-bejgh tal-fond kif ordnat fis-Sentenza [Dok. D].

b. L-argument illi ma jistax jiddekorri mghax fuq l-ammont ta' €21,328.57 peress illi s-Sentenza [Dok. D] ma pprovdietx espressament ghall-hlas tal-interessi

Ir-rikorrenti jargumenta illi galadarba s-Sentenza [Dok. D] ma pprovdietx espressament ghall-hlas tal-interessi fuq l-ammont kanonizzat, ma jistghu jiddekorru ebda interessi fuq l-istess.

L-esponenti bl-akbar rispett taghmel referenza ghall-**Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** illi jipprovdi illi *"jekk l-obbligazzjoni jkollha biss l-oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-ezekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena".*

Issa fil-kaz odjern, il-hlas *de quo* kien dovut mir-rikorrenti sa mhux aktar tard mill-4 ta' Gunju 2013, u ghalhekk kull gurnata ta' dewmien wara tali data hija effettivament gurnata illi ggib maghha l-obbligu tal-hlas ta' imghaxijiet *ai termini* tal-imsemmi Artikolu 1139.

B'hekk lanqas tali argument tar-rikorrenti odjern ma jista' jintlaqa'.

L-esponenti tirrileva illi l-interessi f'dan il-kaz gew erroneament ikkalkolati mill-4 ta' Gunju 2012 minflok mill-4 ta' Gunju 2013. Ghalhekk, filwaqt illi tiskuza ruhha ma' dina l-Onorabbli Qorti ghal din l-izvista fil-kalkolu, l-esponenti qieghda tirriduci l-interessi pretizi minnha permezz tal-Mandat odjern ghal tlett elef mitejn u seba' ewro u tmienja u hamsin centezmu (€3,207.58) rapprezentanti l-interessi dekorribbli mill-4 ta' Gunju 2013 sallum 21 ta' April 2015, b'rizerva ta' interessi ulterjuri sad-data tal-hlas effettiv.

c. L-argument illi l-esponenti m'ghandhiex jedd illi tirkupra l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 20/2015 u tal-Mandat odjern.

Ir-rikorrenti jargumenta illi l-esponenti m'ghandha ebda dritt illi tirkupra l-ispejjez rizultanti mit-Taxxi Ufficjali annessi bhala Dok. B u Dok. C rispettivament flimkien mal-Mandat ta' Sekwestru ghaliex dawn ma gewx rezi titolu ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali *ad hoc ai termini* tal-Artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-esponenti tirrileva illi t-Taxxa Ufficjali Dok. B tirrigwarda proprju l-ispejjez gudizzjarji sabiex giet reza ezekuttiva t-taxxa ufficjali relattiva ghas-sentenza [Dok. D], filwaqt illi t-Taxxa Ufficjali Dok. C tirrigwarda l-ispejjez gudizzjarji in konnessjoni mal-prezentata tal-Mandat odjern. Huwa assolutament impossibbli illi wiehed jippretendi illi tigi pprezentata ittra ufficjali *ai termini* tal-Artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta in konnessjoni mat-Taxxa ghall-Ittra Ufficjali u l-Mandat *de quo,* u dana *stante* illi dan ikun argument illi jista' jibqa' jiggebbed *ad infinitum* u sal-assurd ghaliex, kull darba, l-ezekutant ikollu jinkorri spejjez godda sabiex verament jirkupra dak lilu dovut u sahansitra kanonizzat permezz ta' Sentenza. Il-kreditur ghandu d-dritt illi jirkupra *in toto* l-ammonti dovuti lilu u l-ispejjez gudizzjarji illi jkun gie kostrett illi jinkorri meta d-debitur

jibqa' jistina rasu u ma jhallasx dak minnu dovut, u sahansitra kanonizzat b'Sentenza, ghaliex inkella tali ostinazzjoni illi tirraprezenta sahansitra d-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, tkun qieghda tigi ppremjata.

B'hekk anke dan l-argument tar-rikorrenti odjern ghandu jigi michud.

Daqstant tissottometti l-esponenti ghall-attenzjoni ghaqlija u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-21 ta' April 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors dehret Dr. Sarah Grech ghar-rikorrent prezenti u Dr. Roberta Buhagiar ghall-intimata prezenti. Id-difensuri prezenti trattaw ir-rikors. Ir-rikors gie differit ghal digriet ghat-23 ta' April 2015 fid-9:30a.m.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija procedura ta' revoka ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv li l-intimata f'dawn il-proceduri harget kontra r-rikorrent odjern, u cioe` l-Mandat ta' Sekwestru Numru 62/15 mahrug fis-6 ta' Marzu 2015, fejn l-istess ezekutanti kienet qed titlob l-ammont ta' €21,328.57 bhala *sorte,* €4,642.28 imghax u €5,815.83 spejjez.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-ammont ta' €21,328.57 jirraprezenta s-sehem ta' nofs indiviz spettanti lis-sekwestranti mill-assi bankarji li gew assenjati lir-rikorrent odjern b'sentenza ta' separazzjoni personali moghtija fl-4 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet **Patricia Cutajar v Raymond Cutajar** (QF - Rik.Gur.144/10 AL) liema sentenza ghaddiet in gudikat .

Skont din is-sentenza, ir-rikorrent gie ordnat ihallas l-imsemmija somma fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-Sentenza (cioe` sa mhux aktar tard mill-4 ta' Gunju 2013) u pprovdiet ulterjorment illi, *jekk ir-rikorrenti odjern jonqos milli jeffetwa tali hlas, l-esponenti jkollha d-dritt illi tirkupra l-imsemmi ammont minn sehem ir-rikorrenti odjern ta' nofs ir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta` Waterfalls, Ghajn Kajjiet, Rabat, Malta* (*vide* pagna 12 tas-Sentenza **DOK D.***).*

L-argumenti sottomessi mir-rikorrent jistghu jingabru fis-segwenti :

i. Il-hrug tal-mandat hu intempestiv billi r-rimedju tal-hlas inghata lill-intimata <u>biss</u> meta jigi mibjugh il-fond *Waterfalls* (sottolinear ta' din il-Qorti).

ii. Konsegwentement l-imghaxijiet mhumiex dekorribbli billi l-imsemmi fond ghadu ma inbieghx.

iii. Li r-rikorrent ma giex ikkundannat ihallas imghaxijeit bis-sentenza citata.

iv. Li l-imghaxijiet fil-mandat gew ikkalkolati b'effett mill-4 ta' Gunju 2012, cioe, minn data antecedenti ghall-istess sentenza;

v. In kwantu ghall-ispejjez intaxxati, dawn ma gewx rezi ezekuttivi skont l-artikolu 256(2) tal-Kap.12 u ma seta’ jinhareg ebda att ezekuttiv dwarhom.

L-intimata opponiet ghat-talba. Hi ssottomettiet li johrog car mis-sentenza li giet kanonizzata kredittrici kontra r-rikorrenti fl-ammont indikat bhala *sorte* li kellu jithallas fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza. Id-dritt li tithallas mis-sehem tieghu mill-bejgh tal-fond kien imfisser *in subsidium* u bhala protezzjoni addizzjonali ghaliha.

Inoltre, l-imghaxijiet huma dovuti bl-applikazzjoni tal-**artiklu 1139 tal-Kap.16.** Riferibbilment ghall-ammont mitlub, l-istess intimata irriduciet l-ammont ta' imghaxijiet ghall- €3207.58 in kwantu dawn gew erronjament ikkalkolati mill-4 ta' Gunju 2012 minnflok mill-4 ta' Gunju 2013. Dwar dan ma hemm xejn li jinduci lil din il-Qorti biex temmen li dan l-izball sar malizjozament imma kien zball fil-kalkolu li issa gie rimedjat.

Kwantu ghall-ispejjez mitluba, tghid li t-taxxa annessa bhala **DOK B** tirrigwarda l-ispejjez gudizzjarji riferibbilment ghall-ittra ufficjali mibghuta sabiex giet reza ezekuttiva t-taxxa ufficjali relattiva ghas-sentenza, filwaqt li t-taxxa **DOK C** tirrigwarda l-ispejjez gudizzjarji in konnessjoni mal-prezentata tal-Mandat odjern. Dawn iz-zewg taxxi ma gewx rezi ezekuttivi permezz ta' ittra ufficjali *ad hoc ai termini* tal-artiklu 256(2) tal-Kap.12. L-intimata ssostni li l-argument tar-rikorrent jista' jkompli jiggebbed *ad infinitum* u ghalhekk huwa assurd.

Dawn il-punti ser jigu trattati izda qabel xejn, il-Qorti trid taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet ta' fatt.

Jirrizulta li l-partijiet kienu mizzewgin u bis-sentenza in mertu giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom. Ma hemmx kontestazzjoni li din is-sentenza ghaddiet in gudikat u li r-rikorrent ghadu ma hallasx l-ammont likwidat mill-Qorti, lanqas *in parte*, minkejja li ghadda t-terminu ta' sitt (6) xhur lilu moghtija.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

Ikkonsidrat li dan ir-rikors sar abbazi tal-**Artikolu 281 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa moghti d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat ezekuttiv sabiex taghmel rikors fejn jintalab li l-istess mandat jithassar ghal kollox jew parti minnu, naturalment ghar-raguni valida fil-ligi.

Dan l-artiklu jiddisponi hekk testwalment:-

***281(1)*** *"Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*

It-tifsira ta' dan l-artikolu gie trattat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Edward Pace v Michael Sultana"*** (PA JRM - Rik 287/05 - dec fil-5 ta' Mejju 2005). Il-Qorti osservat hekk:

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg*[1]*.Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A* (illum 281) *jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;*

*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma*[2]*. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju".*

***Sorte***

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrent dwar l-intempestivita' tal-mandat. L-ammont indikat bhala

[1] Ara, per ezempju, App. Civ. **1.12.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Civ. **25.5.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[2] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (digriet interlokutorju).

*sorte* gie likwidat mill-Qorti bhala rapprezentanti s-sehem dovut lill-intimata minn kontijiet bankarji assenjati lir-rikorrent. Il-Qorti ghamlitha cara li dan l-ammont kellu jithallas fi zmien sitt (6) xhur, u hija l-fehma ta' din il-Qorti li kieku l-Qorti tal-Familja riedet tfisser mod iehor, ma kenitx tistabbilixxi dan it-terminu ta' hlas. In effett it-terminu kien koncessjoni favur ir-rikorrent u f'kaz ta' inadempiment, l-intimata ghandha d-dritt addizzjonali li tottjeni l-hlas minn sehem ir-rikorrent ta' nofs mir-rikavat tal-bejgh tal-fond *Waterfalls.* Fil-fehma ta' din il-Qorti ma kien ikun hemm ebda utilita' ghall-Qorti tal-Familja li tistabbilixxi terminu ta' sitt xhur ghall-hlas jekk riedet li l-intimata tistenna il-bejgh tal-fond biex tissoddisfa l-kreditu taghha. Fl-ahhar mill-ahhar, din is-somma tirraprezenta sehemha minn depoziti bankarji li gew assenjati lir-ragel mas-sentenza a pjena godiment tieghu. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tar-rikorrent li l-intimata tista' <u>biss</u> tottjeni l-hlas meta l-fond inbiegh ghaliex din l-interpretazzjoni hija skorretta .

**Imghaxijiet**

Gjaladarba hu stabbilit li t-talba tal-intimata mhix intempestiva, jibqa' l-kwistjoni jekk l-imghaxijiet huma dovuti minnkejja li ma hemmx provvediment dwarhom fis-sentenza.

Dwar il-korrettezza fil-kalkolu tal-ammont mitlub, l-istess ezekutanti ddikjarat li hadet zball u l-imghaxijiet kellhom jiddekorru mill-4 ta' Gunju 2013. Ghalhekk l-ammont dovut hu ridott ghall-€3,207.58. B'hekk wiehed mill-lanjanzi tar-rikorrent huwa sorvolat.

Il-provvedimenti legali li jirregolaw l-applikazzjoni ta' imghax insibuhom fl-**artikoli 1139** *et sequitur* tal-Kodici Civili.

**L-Artikolu 1139** jiddisponi li "*jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, d-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*"

**L-Artikolu 1141** jiddisponi li (1) "*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tiddisponi li l-imghaxijiet*

*ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita.*" u

(2) "*F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*"

Minn dan jidher li imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta' danni minhabba dewmien fl-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni meta l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun hlas ta' somma determinata.

L-intimata qed takkampa fuq l-**artiklu 1139 tal-Kap.16** in sostenn tal-jedd taghha li titlob l-imghaxijiet.

Ikkonsidrat li l-ammont pretiz gie likwidat bis-sentenza bhala ekwiparazzjoni dovut lill-ezekutanti fl-assenjazzjoni tal-porzjonijiet rispettivament lir-ragel u lill-mara fiz-zwieg. L-ekwiparazzjoni hija prevista mil-ligi sabiex tibbalancja l-valur l-ishma rispettivament assenjati lill-kondividendi. L-imghaxijiet ma kienux mitluba fit-talba gudizzjarja u ma setghux jiddekorru billi s-somma in mertu giet likwidata bis-sentenza finali. Il-pozizzjoni pero` ma baqghetx l-istess fil-mument li almenu

nghatat is-sentenza, meta, allura, l-ammont gie likwidat u jifforma parti mill-gudizzju.

Madanakollu ghalkemm tnisslet obbligazzjoni dwar il-hlas tas-*sorte,* huwa minnu li l-Qorti ma kkundannatx lir-rikorrent sabiex ihallas imghaxijiet fuq il-kapital likwidat u, inoltre, din l-obbligazzjoni ma gietx segwita b'att interpellatorju ghall-hlas kif inhu rikjest mill-artiklu 1141(2) tal-Kap.16*.* Difatti l-Qrati taghna huma konkordi li l-imghaxijiet moratorji ma jibdewx jiddekorru qabel ma ssir interpellazzjoni ghall-hlas skont il-ligi, u sakemm issir tali interpellazzjoni, huwa prezunt li l-kreditur ikun irrinunzja ghall-imghaxijiet (Ara ad. ezempju **Brigadier John Bell McCance O.B.E. noe v. Antonio Sammut** (App.Civ.14 ta' Marzu 1949 - XXXIII-I-439). Din l-interpellazzjoni ghandha tkun cara u inekwivoka - **Francis Spiteri v Carmel Mangion** (App.Inf.Imh.J. Caruana Curran -7 ta' Novembru 1979); madanakollu "*A skans ta’ ekwivoci, huwa utili illi jinghad illi dina l-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem “sejha ghall-hlas” fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta’ l-imghax fuqu u illi, konsegwentement, meta, bhal fil-kaz odjern, tkun saret it-talba b’att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri 'ope legis' l-imghax fuq l-istess kapital*"- C**ostantino Abela v George Azzopardi (**App.Civ.7 ta' Ottubru 2005).

Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li saret xi interpellazzjoni da parti tal-intimata u allura l-Qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrent li l-imghaxijiet ghadhom lanqas bdew jiddekorru kontrih. Huma biss l-imghaxijiet *ex stipulatis,* rizultanti minn ftehim, jew li jiddekorru *ope legis* bhal ma hu l-kaz ta' obbligazzjonijiet ta' xorta kummercjali li jiddekorru minghajr il-htiega ta' interpellazzjoni (**art.1141(1) tal-Kap.16)**. Kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell (Kumm) fil-kaz **Agostino Piscopo v Rosina Busietta et**

(15 ta' Dicembru 1873)[3] "*sebbene i lucri dovuti non per diritto di azione, ma per solo ufficio del giudice, s'intendono rimessi quando il creditore abbia ottenuto la condanna del debitore, come nel caso, senza domanda e molto meno condanna per tali lucri - la detta regola non e' applicabile al caso in cui i lucri fossero dovuti per diritto di azione - sia che questa derivi 'ex stipulato',sia per disposizione di legge, come nel caso." (Ara wkoll* **Brigadier John Bell McCance O.B.E. noe v. Antonio Sammut** succitat).

**Spejjez mitluba**

Ir-rikorrent qed jimpunja l-ispejjez mitluba fit-taxxi mahruga mir-Registratur tal-Qrati u annessi bhala **Dok B** u **C** mal-mandat billi dawn ma gewx rezi ezekuttivi *ai termini* tal-**artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

It-taxxa ufficjali **DOK B** ammontanti ghal €36.81, hija datata il-5 ta' Marzu 2015, u tirreferi ghad-drittijiet u spejjez tal-ittra ufficjali 20/15 fl-ismijiet fuq premessi.

It-taxxa ufficjali **DOK C** ammontanti ghall-€99.80, hija mahruga fis-6 ta' Marzu 2015, u tirreferi ghad-drittijiet u spejjez tal-Mandat ta' Sekwestru 62/15 in kwistjoni.

[3] Rapportat fil-gabra ta' gurisprudenza tal-Avukat Dottor Philip Farrugia Randon *"The Word of the Court"*, Vol.8 pp.74 et seq.

Dawn l-ammonti huma inkorporati u mitluba bhala spejjez fil-mandat premess.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Emmanuele Delia vs. Dottore Eduardo Cutajar M.D.** (Qorti tal-Appell, 7/6/1952) gie ritenut li *"Ghandha ssir distinzjoni bejn dawk l-ispejjez li huma decizi bhala wiehed mill-kapi tad-decizjoni u l-ispejjez sussegwenti tal-ezekuzzjoni tas-sentenza; ghax l-ewwel xorta ta' spejjez huma parti mid-decizjoni ezegwibbi mal-istess sentenza (meta jkun hemm il-kundanna ghall-hlas taghhom), u ghalihom tista' tohrog l-ipoteka gudizzjali bhal ma tohrog ghall-meritu kanonizzat, mentri t-tieni xorta ta' spejjez ma humiex ezegwibbli bhala parti mis-sentenza, imma huma ezegwibili ghalihom kif jigu ezegwiti t-taxxi; u mit-taxxi ma tinghatax ipoteka gudizzjali".*

Skont **l-artikolu 253(c) tal-Kap.12,** huma titoli ezekuttivi *"taxxi ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit ieħor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi."*

Madanakollu dawn it-taxxi mhumiex ezegwibbli hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju (**Art. 256(2) tal-Kap. 12).**

Billi *ex admissis* din l-interpellazzjoni ma saritx, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi akkolta.

Dan kollu premess, din il-Qorti ma tarax li ghandha thassar il-mandat *in toto* billi huwa validament mahrug in ezekuzzjoni tas-sentenza definittiva u tal-ispejjez gudizzjarji konnessi mas-sentenza. Inoltre l-mandat certament inhareg minn Qorti kompetenti u kienu kollazzjonati kif imiss mir-Registratur tal-Qrati.

**III. DECIDE.**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti ser tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament billi thassar il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 62/2015 fl-ismijiet fuq premessi f'parti minnu biss billi thalli ferm l-ammont mitlub bhala *sorte,* thassar it-talba hemm kontenut ghall-imghaxijiet, u tirreduci l-ispejjez mitluba ghall-ammont ta' hamest elef, sitt mija u disgha u sittin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€5,669.22) *piu'* il-VAT dovut fuq dan l-ammont, skont kif jinsab intaxxat fid-dokument immarkat bhala **DOK A** anness mal-Mandat ta' Sekwestru premess.

L-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Degretat.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------